MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH R. MICALLEF**

Seduta ta' l-10 ta' April, 2005

Citazzjoni Numru. 591/2005

**W.J Parnis England Ltd.**

**vs**

**Trafalgar Business Ltd.**

**Il-Qorti:**

Rat l-att taċ-ċitazzjoni preżentata fit-22 ta' Ġunju 2005 li bih is-soċjeta' attriċi wara li ppremettiet;

Illi l-kumpannija attriċi tipprovdi servizzi ta' aġenzija fil-qasam marittimu u servizzi anċillari u konnessi;

Illi l-kumpannija konvenuta nkarigat lill-kumpannija attriċi tieħu ħsieb it-trasport bil-baħar ta' diversi konsenji ta' merkanzija destinati għall-Libya minn diversi pajjiżi;

Illi l-kumpannija attriċi kif għandu jirriżulta mill-istatement hawn anness bħala dokument B għad għandha tgħati s-

somma ta’ sebat elef erba’ mija u sitta u tletin Lira u ħmistax il-ċenteżmu (Lm7,436.15) servizzi ta’ aġenzija marittima u freight imħallas għan-nom tagħha;

Illi l-kumpannija attriċi interpellat lill-kumpannija konvenuta diversi drabi sabiex tħallas is-somma dovuta anke bil-miktub Dokument C imma l-konvenuta baqgħet inadempjenti;

Illi jeżistu l-elementi kollha rikjesti mill-liġi ai termini ta’ l-artiklu 167 sa 170 tal-Kodiċi ta’ Proċedura u Organizzazzjoni Ċivili, stante li dan il-kreditu huwa ċert, likwidu u dovut u li fil-fehma ta’ l-kumpannija attriċi, l-konvenuta m’għandiex eċċezzjonijiet x’tagħti kontra l-ħlas ta’ l-imsemmi ammont, u Joseph Bowman in rappreżentanza ta’ l-kumpannija attriċi qiegħed jannetti affidavit immarkat Dok “A” a tenur ta’ l-istess Kodiċi ta’ Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili.

Għaldaqstant is-soċjeta’ attriċi talbet lil din l-Onorabbli Qorti għaliex m’għandiex għal dawn ir-raġunijiet premessi tisma’ u tiddeċiedi skond it-talba bid-dispens tas-smiegħ tal-kawża a tenur ta’ l-artikoli 167 sa 170 tal-Kodiċi ta’ l-Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili u:

1. Tiddikjara li l-kumpannija konvenuta hija debitriċi ta’ l-kumpannija attriċi għas-somma totali ta’ sebat elef erba mija u sitta u tletin Lira u ħmistax il-ċenteżmu (Lm7436.15) servizzi ta’ aġenzija marittima u freight imħallas;
2. Tikkundanna lill-konvenuta Trafalgar Business Limited tħallas lill-kumpannija attriċi l-imsemmija somma ta’ sebat elef erba’ mija u sitta u tletin Lira u ħmistax il-ċenteżmu (Lm7436.15), għar-raġunijiet premessi.

Bl-ispejjeż, inklużi dawk ta’ l-ittri bonarja tas-27 ta’ Mejju 2005 u tal-mandati ta’ qbid u sekwestru numri 1002/05 u 1003/05 rispettivament fl-ismijiet premessi, bl-imgħax legali mid-data ta’ kull invoice sal-pagament effettiv, kontra l-konvenuta minn issa nġunta għas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni w in-nota tax-xhieda tas-soċjeta' attriċi;

Rat illi ċ-ċitazzjoni ġiet debitament notifikata lis-soċjeta' konvenuta li naqset li tippreżenta nota ta' eċċezzjonijiet u hekk baqgħet kontumaċi;

Semgħet il-konferma tas-soċjeta' attriċi dwar il-kreditu dovut;

Semgħet l-Avukat tas-soċjeta' attriċi;

Eżaminat l-atti tal-kawża;

Billi mill-provi mhux kontradetti, it-talba dedotta fiċ-ċitazzjoni tirriżulta pruvata.

Fil-kontumaċja tas-soċjeta' konvenuta tiddeċiedi billi tilqa' t-talbiet tas-soċjeta' attriċi kif dedotti fiċ-ċitazzjoni, bl-ispejjeż kontra s-soċjeta' konvenuta.

**Moqrija**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------